MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 503/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Stanley George Caruana**
**Eman Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Stanley George Caruana ta’ 45 sena, imwieled Toronto nhar l-10 ta’ Gunju 1965, bin Joseph u Vincenza nee’ Azzopardi , residenti gewwa 38, Triq Preziosi, Lija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 279884(M) u l-imputat Eman Caruana ta’ 23 sena, imwieled Pieta’ nhar it-02 ta’ Marzu 1987, bin Stanley u Emily (Emanuela) nee’ Micallef, residenti 38, Triq Preiziosi, Lija u detentur tal-karta tal-identita’ numru 123887(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-22 ta’ Mejju 2010 ghall-habta tal-17.00Hrs, fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Lija:-

1. Attakkaw jew ghamlu rezistenza li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS321 Alan La Grasta, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2. Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ Andrew Cachia (Gwardjan Lokali G557) u Gary Mercieca (Gwardjan Lokali G552) persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. Ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Andrew Cachia (Gwardjan Lokali G557) skond kif iccertifika Dr. S.B. Das M.D. mic-centru tas-sahha tal-Mosta;

4. Hebbew ghal Andrew Cachia (Gwardjan Lokali G557) u Gary Mercieca (Gwardjan Lokali G552) sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara;

5. B’xi mod attakaw jew irrezistu bi vjolenza xi gwardjan lokali G557 Andrew Cachia waqt il-qadi ta’ dmirijietu;

6. Qal fil-Pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;

7. Volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Lil Eman Caruana wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi;-

8. Ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS321 Alan La Grasta skond kif iccertifika Dr. S.B.Das M.D. micc-centru tas-sahha tal-Mosta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Settembru 2010 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li ghandhom fedina penali relattivament netta kif ukoll l-fatt li skuzaw ruhhom mal-Pulizija kif ukoll kkunsidrat l-fatt li PS 321 Alan La Grasta accetta l-apologija maghmula mill-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221(1), 338(dd) u 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputati b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ tmien mitt ewro (€800) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Gwardjan Lokali G557 Andrew Cachia u lil Gwardjan Lokali G552 Gary Mercieca.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------